*Artikolu 9 tal-Att I tal-2006;*
*Artikolu 10 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Obbligu tal-Kummissarju tal-Artijiet li jispedixxi proceduri ta' esproprju*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Lulju, 2017

**Numru 4**

**Rikors Numru 232/09TA**

**Tempesta Ltd (C 13444)**

**vs**

**Il-Kummissarju ta' l-Artijiet u b'digriet tat-18 ta' Lulju, 2017 l-Awtorita` tal-Artijiet assumiet l-atti tal-kawza flok il-Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` attriciipprezentat fl-10 ta' Marzu 2009 u mahlufa fl-20 ta' Frar 2009 minn Vincent Curmi ghan-nom ta' Tempesta Ltd li permezz tieghu talab is-segwenti:-

"1. Illi s-socjeta` attrici, Tempesta Limited, hija l-proprjetarja ta' art ossia ghalqa, illum zviluppata, ta' l-ghalqa maghrufa 'Ta' Pirotta' fil-kontrada "ta' taht it-Torri", sive "ta' Bubaqra" limiti taz-Zurrieq konsistenti fi tlett hbula tal-kejl komplessiv ta' cirka hamest elef sitt mija u ghoxrin metru

kwadru (5620 mk) u li mill-Majjistral tmiss mal-proprjeta` ta' certu Marcelle, kunjomu mhux maghruf, mill-Grigal ma' proprjeta` tal-familja Ciappara u mix-Xlokk mal-proprjeta` ta' certu Clement kunjomu mhux maghruf, jew irjiehat verjuri immarkata bl-ahmar fuq il-pjanta annessa bhala dokument "A", u kif jirrizulta wkoll skont ic-certifikat tar-Registru ta' l-Artijiet Numru 171401010 bhala Dokument "B";

2. U billi din il-proprjeta` giet esporprjata mill-Gvern fis-sena 1989 permezz ta' dikjarazzjoni mahruga fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Lulju 1988, il-file ta' liema jgib in-numru L703/87/VII u LD 166/88;

3. U billi ghalkemm ir-rikorrenti interpella l-Kummissarju intimat bosta drabi tul is-snin sabiex jiehu l-passi biex jibdew il-proceduri u l-esponenti jinghata kumpens xieraq ghal dan it-tehid (inkluz b'ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju 2008) l-istess intimat baqa' inadempjenti;

4. U billi r-rikorrenti ghadda d-dokumenti kollha li kellu lill-istess kummissarju intimat, u ghalhekk dan l-istess intimat ghandu d-dokumenti kollha dwar it-titolu tar-rikorrenti;

5. U billi fil-fatt l-intimati ghadhom sa llum lanqas adempjew ruhhom mal-ligijiet transitorji skont l-Artikolu 9 tal-Att 1 tal-2006;

6. U billi r-rikorrenti ghandu l-ikbar interess li jithallas kumpens xieraq skont il-ligi fl-iktar zmien qasir possibbli;

Ghaldaqstant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

(1) Tiffissa terminu qasir u perentorju f'liema l-Kummissarju konvenut ikun obbligat jadempixxi ruhu mar-rekwiziti tal-ligi fil-konfront tar-rikors sabiex dan jinghata kumpens xieraq skont il-ligi.

Bl-ispejjez inluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju 2008 kontra l-istess intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Kummissarju illum Awtorita` tal-Artijiet ipprezentata fit-22 ta' April 2009 u mahlufa fl-istess data minn Albert Mamo li permezz taghha wiegeb is-segwenti:-

“1. Illi fit-3 ta’ April 2009 l-esponent gie nnotifikat bir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li jitratta l-espropjazzjoni permezz tad-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 519 fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta’ Lulju 1988.

2. Illi permezz ta’ dik id-Dikjarazzjoni gew espropjati ghaxar plots kif muri fil-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok AM1 bir-referenza L.D. 166/88, jigifieri Plot 1 tal-kejl 292 metri kwadri, plot 2 tal-kejl ta’ 43 metri kwadri, plot 3 tal-kejl ta’ 1,935 metri kwadri, plot 4 tal-kejl ta’ 822 metri kwadri, plot 5 tal-kejl ta’ 2,425 metri kwadri, plot 6 tal-kejl ta’ 3,865 metri kwadri, plot 7 tal-kejl ta’ 5,598 metri kwadri, plot 8 tal-kejl ta’ 2,755 metri kwadri, plot 9 tal-kejl ta’ 3,919 metri kwadri u plot 10 tal-kejl ta’ 1,512 metru kwadru.

3. Illi din l-art giet espropjata fuq talba tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet.

4. Illi minn meta saret id-Dikjarazzjoni ma kien hemm l-ebda korrispondenza mas-socjeta` rikorrenti hlief ittra ufficjali datata 12 ta’ Gunju 2008, li kopja taghha qeghda tigi annessa bhala Dok AM2, fejn is-socjeta` rikorrenti interpellat lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet biex jibda proceduri ghal kumpens fuq l-art in kwistjoni. Permezz ta’ ittra ufficjali datata 5 ta’ Novembru 2008, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet wiegeb li l-kaz tar-rikorrenti kien qieghed jinghata l-attenzjoni kollha mehtiega. Kopja ta’ din l-ittra qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok AM3.

5. Illi, preliminarjament is-socjeta` rikorrenti ghandha ggib prova tat-titolu taghha fuq l-art espropjata permezz tad-Dikjarazzjoni tal-President Nru 519 fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta’ Lulju 1988.

6. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti, permezz ta’ pjanta, ghandha tispecifika b’mod aktar car liema hija l-art tal-kejl ta’ 5,620 metri kwadri li ghaliha qed taghmel referenza u ggib prova tat-titolu taghha permezz ta’ parir legali.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat l-avviz tat-23 ta’ Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta’ dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` mhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta’ Marzu 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta’ fatti**

**1.** L-art in kwistjoni giet espropriata mill-konvenut permezz ta’ dikjarazzjoni presidenzjali Nru. 519 mahruga fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta’ Lulju 1988 minghajr ma gie moghti kumpens skont kif jiddisponi l-Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta u d-disposizzjoni transitorja taht l-Artikolu 9 tal-Att I tal-2006.

**2.** Il-konvenut jilqa’ ghal dan in-nuqqas billi jispjega li huwa gie ostakolat milli jkompli bil-procedura ta’ esproprju ghaliex mid-dokumentazzjoni prezentata lilu mis-socjeta` attrici, ma jirrizultax b’certezza li l-art in kwistjoni tappartjeni lill-imsemmija socjeta` u lanqas ma hemm indikat l-estensjoni preciza ta’ l-istess art (ara x-xhieda ta’ Joseph Sammut datata 21 ta’ Jannar 2010 a` fol 58 u 59).

**3.** Fir-rigward il-kwistjoni tat-titolu, il-konvenut jinsisti li t-titolu jista’ jigi accertat permezz ta’ parir legali skont formula mahruga mid-Dipartiment tal-Artijiet stess permezz ta’ liema Avukat jikkonferma li l-proprjetà in kwistjoni

hija ta' *actual owners*. Mill-kawza jidher li din il-formola però ma tistax timtela f'dan l-istadju ghaliex dak li kien il-konvenut Kummissarju illum Awtorita` tal-Artijiet, ghadu ma harigx Dikjarazzjoni gdida skont id-disposizzjoni transitorja espressa fl-artikolu 9 tal-Att I ta' l-2006 (ara` fol 64);

**4.** Dan kollu wassal biex is-sitwazzjoni ma kellha ebda ezitu u s-socjeta` attrici pprocediet bl-istanti biex tinghata rimedju.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**5.** Irid jigi deciz jekk il-Kummissarju tal-Artijiet, illum l-Awtorita` tal-Artijiet, naqasx milli jaderixxi ruhu fi zmien ragjonevoli mal-obbligi mposti fid-disposizzjonijiet ta' l-"Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88) u l-Att I tal-2006 fis-sens u li allura naqas milli jipprocedi kif trid il-ligi billi johrog in-"notice to treat" (Avviz ghal Ftehim) biex tigi debitament notifikata lis-socjeta` attrici u jeffetwa d-depozitu tal-kumpens stabbilit mill-Gvern bihrug ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali gdida. Ghalhekk is-socjeta` attrici qeghdha tkun imcahhda ingustament milli tippercepixxi kwalunkwe hlas ta' kumpens dovut lilha skont il-ligi jew sabet ostakolu legali sabiex tadixxi lil-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet f'kaz ta' nuqqas ta' qbil dwar il-kumpens offert minn dak li kien il-konvenut Kummissarju tal-Artijiet illum Awtorita` tal-Artijiet.

**Konsiderazzjonijiet**

**6.** L-ewwel ma jrid ikun rilevat hu, li dak li kien il-konvenut Kummissarju tal-Artijiet illum l-Awtorita` tal-Artijiet, jispjega li l-problema principali li ostakolatu biex jaghmel dak li minnu l-ligi kien in-nuqqas ta' certezza tat-titolu.

**7.** Fil-waqt li din il-Qorti tifhem u tapprezza li fi kwistjonijiet ta' espropju l-konvenut regolarment jiltaqa' ma dawn is-sitwazzjonijiet, tfakkar li, kif gie diversi drabi osservat fil-Qrati nostrali, huwa d-dmir tal-konvenut u mhux tas-socjeta` attrici, li jiehu dawk il-proceduri opportuni sabiex jizgura li s-sid tal-art esproprjata jigi kumpensat fi zmien ragjonevoli. Jinghad ukoll, li l-ligi stess tipprovdi l-ghodda legali mehtiega sabiex sitwazzjonijiet bhal dawn jigu sorvolati. Ghalhekk f'dan ir-rigward, din il-Qorti tara li l-konvenut, rinfaccjat b'din l-incertezza ta' titolu dejjem seta' jimxi skont il-procedura stipulata fl-Artikolu 10 tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi dan li gej:-

> "**Meta s-sid jew xi wiehed mis-sidien ta' art li ghandha tigi akkwistata obbligatorjament minn awtorità kompetenti ma jkunx maghruf** jew ikun incert jew assenti jew minuri jew persuna inkapaci bla rapprezentant skont il-ligi, jew li l-awtorità kompetenti ma tkunx taf li ghandha rapprezentant skont il-ligi, **il-procedimenti taht din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jigu mahtura mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, biex jidhru ghas-sid jew sidien** kif jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili".

**8.** F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frendo Randon et vs Kummissarju tal-Artijiet et** datata 4 ta' Frar 2000 fejn il Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza osservat li "...jinkombi (fuq) l-Kummissarju tal-Art li jistabbilixxi (min huma) s-sidien tal-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju tal-Artijiet illum l-Awtorita` tal-Artijiet, li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu taghhom. Inoltre jigi osservat li l-ligi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq billi f'kaz li s-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu incerti jew assenti jew minuri jew persuna inkapaci, l-artikolu 10 jiddisponi li 'il-procediment taht din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jigu mahtura kif jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

**9.** Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-decizjoni **B&B Property Development Company Limited (C-1329) vs Kummissarju tal-Artijiet**, Qorti Civili Prim' Awla, 14 t'Ottubru 2010. F'din il-kawza l-fatti kienu simili. Ghalhekk ma hemm xejn li ma jikkonvincix lil din il-Qorti li similment, ma ghandiex timxi fuq l-insenjament ta' dawn id-decizjonijiet.

**10.** Di piu' indipendentement mill-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija, il-Qorti ma fhemitx ghaliex l-konvenut baqa' jinsisti li ma kienx konvint mic-certezza tat-Titolu meta mic-Certifikat ta' Titolu tal-art *de quo* prezentat minn

Dr. Jean Claude Sapiano bhala Dok JCS, minn fejn jemergi li fid-19 ta' Dicembru 1995 l-art giet registrata l-ewwel f'isem Joseph Scicluna li akkwista l-istess permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Frar 1986 fl-atti tan-Nutar Antonio Spiteri (vide fol 42). Sussegwentement fil-15 ta' Jannar 1999 is-sehem shih utile dominju perpetwu tal-istess art gie trasferit f'isem Tempesta Limited permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Frar 1992 fl-atti tan-Nutar Antonio Spiteri li partijiet minnu gie prezentat bhala Dok VC7 a` fol 30, kif ukoll kuntratt iehor pubblikat mill-istess Nutar Antoino Spiteri datat 11 t'Awwissu 1998 liema kuntratt ghal xi raguni ma giex prezentat (vide fol 43).

**11.** Kien ikun aktar ragjonevoli, li kieku l-konvenut matul dawn is-snin kollha ghamel ir-ricerka tieghu fir-Registru tal-Artijiet,haga li ma ghamilx u dan kif jirrizulta kjarament mix-xhieda ta' Joseph Sammut, impjegat tal-konvenut (ara xhieda tieghu a` fol 64 u 65).

**12.** Sa fejn jirrigwarda r-registrazzjoni mar-Registratur tal-Artijiet tal-art inkwistjoni, din il-Qorti tosserva s-segwenti. Ma hemm ebda dubbju li mid-data tal-ewwel tar-registrazzjoni u cioe` mid-19 ta' Dicembru 1995 iddekorra l-perjodu decennali ta' preskrizzjoni akkwisittiva u ma jirrizultax li dan il-perjodu gie nterrott permezz ta' kawzjoni u dan ai termini tal-artikolu 23(2) tal-Kap. 296 tal-Ligijiet ta' Malta. Per konsegwenza u abbazi tal-esigenza tal-ligi stess, dan it-titolu huwa wiehed irrevokabbli fil-konfront tal-persuna registrata bhala sid tal-art mertu tar-registrazzjoni u dan ai termini tal-artikolu

22 tal-istess Kap. 296. Tajjeb ukoll li jigi rilevat, li indipendentment minn dak li jiddisponi l-Kap 296 tal-Ligijiet ta' Malta, minn imkien ma jirrisulta illi f'xi hin l-konvenut kien intimat ufficjalment b'xi att gudizzjarju bil-pretensjoni ta' terzi fuq l-art jew parti minnha mertu tal-kawza.

**13.** Il-Qorti tkompli tinnota, li fl-ebda stadju mid-data tal-esproprju sa meta gew istitwiti l-proceduri odjerni, ma l-Kummissarju tal-Artijiet baghat jinforma lis-socjeta` attrici bil-htiega li timtela formola mahruga appositament biex bis-sahha taghha jkunu jistghu jigu identifikati s-sidien u dan fl-ghamla ta' parir legali tal-avukat tas-sidien li permezz tieghu jikkonferma ta' min hi l-proprjeta`.

**14.** Dan kollu qieghed jinghad ghaliex l-istess fir-risposta guramentata u kif ukoll permezz tax-xhieda prodotti dak li kien il-Kummissarju tal-Artijiet ripetutament jishaq li t-titolu jista' jigi accertat billi timtela din il-formola tal-parir legali.

**15.** F'dan l-istadju irid jinghad, li kien il-konvenut li dahhal kemm lilu nnifsu u anke lill-esponenti f'cirku vizzjuz, billi sakemm kien ghadu ma ottemperax ruhu mad-disposizzjoni transitorja espressa fl-artikolu 9 tal-Att I ta' l-2006, fis-sens li johrog dikjarazzjoni gdida fejn jigi dikjarat x'ikun l-ammont ta' kumpens li l-awtorita` kompetenti tkun lesta li thallas ghal dik l-art li d-Dikjarazzjoni tkun tirreferi ghaliha, huwa ma setax johrog il-formula fuq

imsemmija. Di fatti Joseph Sammut, impjegat tad-Dipartiment, jixhed hekk: "Il-formula tista' timtela' minn issa, pero' ghalkemm tista' timtela' minn issa ahna f'dan l-istadju ma ahniex f'posizzjoni li nohorgu l-formula. Biex il-formula tinhareg u jigi certifikat ta' min hi l-propjeta' llum, l-idejali hija li tohrog mill-gdid fil-gazzetta tal-Gvern." (a` fol 64)

**16.** Tajjeb ukoll li jinghad li s-socjeta` attrici saret taf bil-procedura dipartimentali tal-formula fuq imsemmija fil-mori tal-kawza. Dan seta' kien ikkomunikat lis-socjeta` mid-Dipartiment tal-Artijiet antecedentement ghall-kawza. Il-Qorti tawspika, li f'cirkostanzi simili, l-imsemmi Dipartiment jiehu atteggjament aktar ragjonevoli u prattiku sabiex ikunu evitati kawzi ta' din ix-xorta u dewmien ingustifikat fil-konfront tal-esproprijat sabiex, ikun jista' jippercepixxi l-kumpens dovut lilu skont il-ligi u minghajr dewmien. Dan id-dewmien, kif gie kemm il-darba dikjarat, jista' jwassal ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti (ara fost ohrajn **Avukat Dottor David Tonna pro et noe vs Kummissarju tal-Artijiet**, Qorti Kostituzzjonali, 3 ta' Marzu 2011; **Vica Limited v. Kummissarju tal-Artijiet et**, Qorti Kostituzzjonali, 3 ta' Frar 2012; **Bernard Gauci vs Kummissarju tal-Artijiet**, Qorti Kostituzzjonali, 19 t'April 2016; **Philip Cauchi et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet**, Qorti Civili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 27 ta' April 2017).

**17.** Dwar l-estensjoni tal-art espropjata jrid qabel xejn jinghad is-segwenti. Hija hasra, li fi kwistjonijiet teknici ma jinhatrux periti biex jassistu lill-Qorti f'dan l-aspett, anke fid-dawl tal-posizzjoni differenti tal-partijiet. Hadd mill-partijiet ma ghamel talba f'dan ir-rigward. Ghalhekk dwar l-estensjoni tal-art, din il-Qorti ser ikollha tasal ghall-konkluzjonijiet taghha mill-provi gieli mhux daqstant cari dwar l-estensjoni ta' din l-art.

**18.** Issir referenza ghax-xhieda ta' Peter Mamo, li jokkupa il-kariga bhala *operations manager, requistions, technical* mat-taqsima propjeta` tal-Gvern a` fol 84 tal-process. L-imsemmi jixhed hekk: "Il-pjanta li ghadni kemm irriferejt ghaliha, LD166/88/1, hija pjanta maghmula fuq survey, maghmula apposta biex juri dak li kien hemm qabel ma ttiehdet l-art. Il-configuration ta' x'hemm fuq din il-pjanta li huwa survey esatt, huwa dak li jidher fuq din il-pjanta, Dok DP a` fol 71 tal-process." Il-pjanta dok DP hija dik li hejja l-Perit David Pace, inkarigat mis-socjeta` attrici u sotto intitolata bhala 'Land's department plan'. Tajjeb li jinghad li dak li xehed l-imsemmi Peter Mamo dwar l-estensjoni ma giex iddubitat waqt li kien qieghed jixhed dan kollu in kontro-ezami.

**19.** Wara li din il-Qorti evalwat ix-xhieda kemm tal-Perit David Pace (a` fol 72) u kif ukoll dik ta' Peter Mamo (a` fol 81), waslet ghall-konkluzjoni li ghandha tistrieh fuq ix-xhieda tal-ahhar wiehed ai fini tal-estensjoni tal-art mertu tal-kawza.

**20.** Ai fini tal-proceduri odjerni, l-Qorti mhux ser tiehu konsiderazzjoni tal-valur tal-art mertu tal-kawza, peress li hija marbuta strettament mill-mod kif huwa konfezzjonat ir-rikors guramentat. F'din il-kawza t-talba hija wahda u cioe` li jigi "iffissat terminu qasir u perentorju f'liema il-konvenut ikun obbligat jadempixxi ruhu mar-rekwiziti tal-ligi fil-konfront tar-rikors sabiex dan jinghata kumpens xieraq skont il-ligi." Din il-Qorti ma tistax tiddeciedi aktar minn hekk, ghax kull kumpens li huwa talvolta dovut ai fini ta' espropju, ghad irid ikun iffissat skont il-ligi mit-tribunal appozitu, jekk ikun il-kaz, u mhux minn din il-Qorti. Li ghandha quddiemha huwa '*sic et simpliciter'* punt ta' ligi.

**21.** Ghalhekk il-Qorti tara, li l-konvenut ghandu jfittex li johrog id-Dikjarazzjoni Presidenzjali kif stipulat fl-artikolu 9 tal-Att I ta' l-2006 u jghaddi biex jaghmel dak li jirrekjedi minnu l-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara kollox kien l-istess Joseph Sammut, impjegat tal-konvenut li bl-aktar mod car irrakomanda fix-xhieda tieghu li "L-idejali li tohrog mill-gdid *(id-dikjarazzjoni)* fil-gazzetta tal-Gvern; la darba jkollna ir-risorsi niddepostaw il-flus il-Bank u imbaghad insaqsu lill-klijent – lis-sid jew lill-apprent owner biex igib parir legali minghand l-avukat fejn jiccertifika li l-propjeta' tieghu kif giet ghandu" (a` fol 64 kliem angolat tal-Qorti).

## <u>Decide</u>

**22.** Ghaldaqstant u ghar-ragunijet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet illum l-Awtorita` tal-Artijiet;

**Tilqa'** t-talba attrici u tordna u tikkundanna lill-Awtorita` tal-Artijiet gja l-Kummissarju tal-Artijiet sabiex fiz-<u>zmien perentorju</u> ta' sitt (6) xhur mil-lum tadempixxi ruhha mar-rekwiziti tal-ligi fil-konfront tas-socjeta` attrici inkwantu jirrigwarda l-espropju tal-art mertu tal-kawza u sabiex ghalhekk jinghata kumpens xieraq lis-socjeta` attrici skont il-ligi. Ai fini ta' din it-talba l-art mertu tal-kawza hija dik indikata fil-pjanta tal-Perit David Pace (dok DP a` fol 71) sotto titolata 'Lands department plan' u kif indikata bhala espropprijata.

Spejjes tal-kawza ghandhom ikunu kollha sopportati mill-Awtorita` tal-Artijiet gja Kummissarju tal-Artijiet.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**